MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 348/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Nnam Deezua Maria (ID 525650M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u erbgha u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2564.63c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40185307 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3- estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4- kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra n-nota datata 14 t’Ottubru, 2014 (dok A) fejn il-konvenuta ammettiet it-talba bil-kundizzjoni illi l-ammont dovut jithallas permezz ta’ pagamenti mensili ta’ mitejn ewro (€200).

L-Avukat Keith Grech ghas-Socjeta’ attrici qieghed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal dwar din it-talba.

Ghalkemm it-Tribunal jaghmila cara li ma jistax jimponi fuq is-Socjeta’ attrici biex taccetta li l-hlas isir permezz ta’ pagamenti mensili qieghed hawnhekk jirrakomanda lis-Socjeta’ attrici taccetta li l-ammont dovut jithallas bir-rati mensili kif mitlub mill-konvenuta.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn, hames mija u erbgha u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2564.63c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------